MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 286/2009

**Joseph Celeste (ID 707855M) f'ismu propju u ghan-nom u fl-interess tad-Ditta "Celeste Video Rentals"**

**vs**

**Roderick Cilia (ID 100678M)**

**It-Tribunal,**

**Ra** li l-attur, f'ismu proprju u bhala ezercenti l-kummerc fl-interess tad-ditta "Celeste Video Rentals" qed **jitlob** li l-konvenut jigi kundannat ihallsu l-ammont ta' mitejn u tlieta u tletin Euro (€233.00c) rapprezentanti prezz ta' ghadd ta' DVDs (ara Dok A) lilu mikrija u li ma gewx irritornati.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Marzu 2009 u bl-imghax minn notifika tal-prezenti AVVIZ, kontra l-konvenut minn issa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

**Ra** r-**Risposta** tal-konvenut imfassla hekk:

1. Illi t-talba tal-atturi ghandha tigi michuda peress illi l-konvenut irritorna d-DVDs kollha li hu kera minghand l-atturi u ma zamm l-ebda DVD tal-atturi ghandu.

2. Illi subordinatament u assolutament minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub mill-atturi hu eccessiv billi l-valur tad-DVDs imsemmijin minnhom huma ferm oghla minn kemm attwalment jiswew.

**PROVI**

**Ra** li kulma ghandna bhala provi hi x-xhieda tal-wiehed u tal-iehor. Hi qasira u qed tigi riprodotta shieha.

**Joseph Celeste** qal dan:

Jiena ghandi l-fond Celeste Video Rentals f'Birzebbugia u niggestixxi negozju ta' kiri ta' DVDs. Lill-konvenut jiena nafu ghax kien jigi regolarment jikri minghandi u rrid nghid li krejtlu numru ta' DVDs, cempiltlu diversi drabi biex jirritornahomli pero qatt ma gabhomli. Qed nara Dok A prezentata mal-avviz u nikkonferma illi din hija l-lista tad-DVDs li jiena kont krejt lill-konvenut. Irrid nghid li jiena hawnhekk qed nitlob il-valur ta' kemm jiswew id-DVDs. Jekk itini l-valur taghhom, almenu nkun gibt prezzhom lura. Naturalment meta ma jigux ritornati d-DVDs lili jkunu qeghdin itelfuni l-kirja taghhom lil haddiehor. Niftakar ukoll li kont inkarigajt lill-avukat tieghi jiktiblu. Fil-fatt qed nara kopja ta' din l-ittra li qeghda tigi prezentata u markata bhala Dok JC1. Kull meta kont incempillu lill-konvenut, dejjem jghidli gej pero qatt ma gie.

**Roderick Cilia** qal dan:

Jiena nghid illi d-DVDs in kwistjoni kif imsemmija f'Dok A a fol 2 mal-process ma nafx jiena effettivament hadthomx ghax jiena nikri hafna DVDs. Li nista' nghid hu li kull DVD illi jiena krejt minghand l-attur jiena rritonajthomu lura.

Jiena ma niftakarx illi l-attur cempilli diversi drabi biex nirritorna d-DVDs.  Niftakar pero' li kont ircevejt ittra bl-Avukat.

**Ra** li l-attur esibixxa mar-Rikors d-Dok A, li fih dettalji tal-pretensjoni tieghu u esibixxa wkoll bhala Dok JC 1 (fol 21) kopja ta' ittra nterpellatorju datata 5 ta' Marzu 2009.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**It-Tribunal**

1. **Ra** li meta tqabbel ix-xhieda tal-attur ma dik tal-konvenut isib li tal-ewwel hi affirmativa u kompletata b'lista li telenka l-ghadd ta' DVDs li qed jintalab prezzhom – waqt li dik l-ohra hi xhieda fejn kollox jithalla mdendel, fejn m'hemmx cahda kategorika ta' dak li qed jitlob l-attur. Forsi iva u forsi le.

2. Ta min jinnota li l-konvenut jammetti li rcieva l-ittra nterpellatorja Dok JC1 izda naqas li jirrispondiha.  Hawn ta' min jinnota li l-konvenut la wiegeb l-ittra biex jghid li ma kellu x'jirritorna xejn lill-attur u anqas, riferibilment ghat-tieni eccezzjoni, ma ghamel xi osservazzjoni dwar il-*quantum* mitlub bhalma ghamel, *in subsiduum*, permezz tat-tieni eccezzjoni.

3. Waqt li l-attur, wara l-ittra interpellatoria, thabat biex jinnotifika lill-konvenut u rnexxielu jaghmel dan bil-procedura ahharija tal-affissjoni u dana fl-istess indirizz muri fir-Rikors promotorju - il-konvenut oggezzjona ghall-ewwel darba wara li saret in-notifika.

**DECIZJONI**

**It-TRIBUNAL**

Meta jqis dak kollu hawn fuq migjub jiddeciedi billi jilqa t-talba tal-attur pro et noe u (1) jikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur pro et noe fil-*quantum* ta' mitejn u tlieta u tlettin Euro (€233.00c) u (2) jikkundannah biex fuq dan il-*quantum* ihallas lill-attur pro et noe b'imghax mit-30

ta’ Marzu 2009 – jum li fih giet prezentata l-kawza sal-jum tal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjes kollha relatati ma dawn il-proceduri

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------